MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 748/2005

Maltacom p.l.c.
vs
Jonathan Melarangi

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Dr. Ingrid Zammit Young ghan-nom ta' Maltacom p.l.c. li bih ippremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Nru. 2616/97RCP) kienet giet deciza mill-Qorti fit-23 ta' Marzu, 2000, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kundannat ihallas lil Maltacom plc is-somma ta' Lm1723.04 (elf sebgha mija tlieta u ghoxrin Liri Maltin u erbgha centezmi), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 581036 li kien installat fil-fond 'The Picarrons' Triq Paderborn, San Pawl il-Bahar, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut kien ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont li kien dovut fil-mument, kien tas-sorte fuq indikat, oltre Lm260.28 (mitejn u sittin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond it-taxxa prezentata mar-rikors u mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm1091.26 (elf, wiehed u disghin Liri Maltin u sitta u ghoxnin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti kien ta' Lm3074.58 (tlett elef erbgha u sebghin Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza kienu ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti kellha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt li ghamlet referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Dr. Keith Grech li qal li mid-data tal-prezentata tar-rikors l-intimat ma hallas xejn u ghalhekk l-ammont ghadu dovut.

Rat illi l-intimat debitament notifikat u mghajjat tliet darbiet ma deherx ghas-seduta tal-lum, u anqas ipprezenta risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti tawtorizza lill-istess socjeta` rikorrenti tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------